Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2402

tat-12 ta' Ottubru 2015

li jirrevedi l-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata tal-elettriku u s-sħana bl-applikazzjoni tad-Direttiva 2012/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/877/UE

(ĠU L 333, 19.12.2015, p. 54)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2104 tal-4 ta' Lulju 2023	L 2104	1	4.10.2023

▼B

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2402

tat-12 ta' Ottubru 2015

li jirrevedi l-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata tal-elettriku u s-sħana bl-applikazzjoni tad-Direttiva 2012/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/877/UE

Artikolu 1

Stabbiliment tal-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza

Il-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata tal-elettriku u s-sħana għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness I u l-Anness II rispettivament.

Artikolu 2

Fatturi ta' korrezzjoni għall-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata tal-elettriku

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-fatturi ta' korrezzjoni ddefiniti fl-Anness III biex jadattaw il-valuri armonizzati ta' referenza għall-effiċjenza ddefiniti fl-Anness I għas-sitwazzjoni ambjentali medja f'kull Stat Membru.

Jekk fit-territorju ta' Stat Membru d-dejta meteoroloġika uffiċjali turi differenzi fit-temperatura ambjentali annwali ta' 5 °C jew aktar, l-Istat Membru jista', wara li jinnotifika lill-Kummissjoni, juża diversi żoni ta' klima għall-għan tal-ewwel paragrafu billi juża l-metodu ddefinit fl-Anness III.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-fatturi ta' korrezzjoni stabbiliti fl-Anness IV, sabiex jadattaw il-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza stabbiliti fl-Anness I għal telf evitat tal-grilja.

3. Jekk Stat Membru japplika kemm il-fatturi ta' korrezzjoni ddefiniti fl-Anness III kif ukoll dawk iddefiniti fl-Anness IV, huwa għandu japplika l-Anness III qabel ma japplika l-Anness IV.

Artikolu 3

Applikazzjoni tal-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata tal-elettriku

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza stabbiliti fl-Anness I fir-rigward tas-sena ta' kostruzzjoni ta' unità ta' koġenerazzjoni. Dawn il-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza huma applikabbli għal 10 snin mis-sena ta' kostruzzjoni ta' unità ta' koġenerazzjoni.

2. Mill-11-il sena wara s-sena ta' kostruzzjoni ta' unità ta' koġenerazzjoni, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-valuri armonizzati ta' referenza tal-effiċjenza li bis-saħħa tal-paragrafu 1 japplikaw għal unità ta' koġenerazzjoni li jkollha 10 snin. Dawn il-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza huma applikabbli għal sena.

▼B

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, is-sena ta' kostruzzjoni ta' unità ta' koġenerazzjoni hija s-sena kalendarja li matulha l-unità tipproduċi l-elettriku għall-ewwel darba.

Artikolu 4

Applikazzjoni tal-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata tas-sħana

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-valuri ta' referenza armonizzati stabbiliti fl-Anness II fir-rigward tas-sena ta' kostruzzjoni ta' unità ta' koġenerazzjoni.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, is-sena ta' kostruzzjoni ta' unità ta' koġenerazzjoni hija s-sena ta' kostruzzjoni għall-fini tal-Artikolu 3.

Artikolu 5

L-immodernizzar ta' unità ta' koġenerazzjoni

Jekk il-kost ta' investiment marbut mal-immodernizzar ta' unità ta' koġenerazzjoni jaqbeż 50 % tal-kost ta' investiment ta' unità ġdida ta' koġenerazzjoni komparabbli, is-sena kalendarja li matulha l-unità ta' koġenerazzjoni modernizzata tipproduċi għall-ewwel darba l-elettriku għandha tiġi kkunsidrata bħala s-sena ta' kostruzzjoni tal-unità ta' koġenerazzjoni mmodernizzata għall-finijiet tal-Artikoli 3 u 4.

Artikolu 6

Taħlita ta' fjuwils

Jekk l-unità ta' koġenerazzjoni titħaddem b'aktar minn tip ta' fjuwil wieħed, il-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata għandha tiġi applikata proporzjonalment għal medja ppeżata tal-użu tal-enerġija tal-fjuwils diversi.

Artikolu 7

Thassir

Id-Deċiżjoni 2011/877/UE titħassar.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M1

ANNESS I

Valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata tal-elettriku

(imsemmija fl-Artikolu 1)

Fit-tabella li jmiss il-valuri ta' referenza armonizzati tal-effiċjenza (%) għal produzzjoni separata tal-elettriku huma bbażati fuq valur kalorifiku nett u l-kundizzjonijiet standard atmosferiċi tal-ISO (temperatura ambjentali ta' 15 °C, 1,013 bar, umdità relattiva ta' 60 %):

	Kategorija	Sors ta' enerġija	Sena ta' kostruzzjoni		
			Qabel l-2016	2016-2023	Wara l-2024
Solidi	S1	Faħam iebes inkluż antraċite, faħam bituminuż, faħam subbituminuż, kokk, semikokk, kokk petroliferu	44,2	44,2	53,0
	S2	Linjite, mattunelli tal-linjite, shale bituminuż	41,8	41,8	53,0
	S3	Pit, mattunelli tal-pit	39,0	39,0	53,0
	S4	Bijomassa niexfa inkluż injam u bijomassa solida oħra inkluż gerbub u mattunelli tal-injam, laqx tal-injam imnixxef, skart tal-injam nadif u xott, qxur tal-ġewż u għadam taż-żebbuġ u għadam ieħor.	33,0	37,0	37,0
	S5	Bijomassa solida oħra inkluż l-injam kollu mhux inkluż taħt S4 u likur iswed u kannella.	25,0	30,0	30,0
	S6	Skart muniċipali u industrijali (mhux rinnovabbli, ta' oriġini mhux bijoloġika bħal plastik, lastiku u materjali sintetiċi oħra) u skart rinnovabbli/bijodegradabbli	25,0	25,0	25,0
Likwidi	L7	Żejt fjuwil tqil, żejt tal-gass/tad-diżil, prodotti oħrajn taż-żejt	44,2	44,2	53,0
	L8	Bijolikwidi inkluż bijometanol, bijoetanol, bijobutanol, bijodiżil, bijofjuwils oħra u l-likwidi elettroniċi kollha	44,2	44,2	44,2
	L9	Likwidi ta' skart inkluż skart bijodegradabbli u mhux rinnovabbli (inkluż xaħam tad-dam, xaħam u residwi tal-ħbub tal-birrerija).	25,0	29,0	29,0
Gassużi	G10	Gass naturali, LPG, LNG u bijometan	52,5	53,0	53,0
	G11 A	Idroġenu negozjat ([1])	44,2	44,2	53,0
	G11B	Gassijiet tar-raffinerija, gass sintetiku, idroġenu (prodott sekondarju), gassijiet elettroniċi ([2])	44,2	44,2	44,2
	G12	Bijogass prodott minn diġestjoni anerobika, landfill u trattament tad-dranaġġ	42,0	42,0	42,0
	G13	Gass tal-forn tal-kokk, gass tal-forn tal-blast, gass tal-minjieri, u gassijiet irkuprati oħrajn (minbarra gass tar-raffinerija)	35,0	35,0	35,0

▼**M1**

	Kategorija	Sors ta' enerġija	Sena ta' kostruzzjoni		
			Qabel l-2016	2016-2023	Wara l-2024
Oħrajn	O14 A	Sħana mormija, inkluż gassijiet tal-egżost mill-proċess, prodott li jirriżulta minn reazzjonijiet kimiċi eżotermiċi (temperatura tal-input > 200 °C)		30,0	30,0
	O14B	Sħana mormija, inkluż gassijiet tal-egżost mill-proċess, prodott li jirriżulta minn reazzjonijiet kimiċi eżotermiċi (temperatura tal-input < 200 °C)		30,0	20,0
	O15	Nukleari		33,0	33,0
	O16	Termali solari		30,0	30,0
	O17	Ġeotermali		19,5	19,5
	O18	Fjuwils oħra mhux imsemmija hawn fuq		30,0	30,0

([1]) Idroġenu mibjugħ mill-fornitur tiegħu lil operatur ta' unità ta' koġenerazzjoni.
([2]) Il-gassijiet elettroniċi huma mifhuma bħala fjuwil sintetiku gassuż li joriġina mill-idroġenu rinnovabbli u mid-diossidu tal-karbonju maqbud jew minn sors ikkonċentrat, bħal gassijiet mit-tromba ta' ċumnija f'sit industrijali, inkella mill-arja.

▼**M1**

ANNESS II

Valuri ta’ referenza armonizzati tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata tas-sħana

(imsemmija fl-Artikolu 1)

Fit-tabella li jmiss il-valuri ta’ referenza armonizzati tal-effiċjenza (%) għal produzzjoni separata tas-sħana huma bbażati fuq valur kalorifiku nett u l-kundizzjonijiet standard atmosferiċi tal-ISO (temperatura ambjentali ta’ 15 °C, 1,013 bar, umdità relattiva ta’ 60 %):

Kategorija		Sors ta’ enerġija	Sena ta’ kostruzzjoni								
			Qabel l-2016			2016-2023			Wara l-2024		
			Ilma sħun	Fwar [1]	Użu dirett ta’ gassijiet tal-egżost [2]	Ilma sħun	Fwar [1]	Użu dirett ta’ gassijiet tal-egżost [2]	Ilma sħun	Fwar [1]	Użu dirett ta’ gassijiet tal-egżost [2]
Solidi	S1	Faħam iebes inkluż antraċite, faħam bituminuż, faħam subbituminuż, kokk, semikokk, kokk petroliferu	88	83	80	88	83	80	92	87	84
	S2	Linjite, mattunelli tal-linjite, shale bituminuż	86	81	78	86	81	78	92	87	84
	S3	Pit, mattunelli tal-pit	86	81	78	86	81	78	92	87	84
	S4	Bijomassa niexfa inkluż injam u bijomassa solida oħra inkluż gerbub u mattunelli tal-injam, laqx tal-injam imnixxef, skart tal-injam nadif u xott, qxur tal-ġewż u għadam taż-żebbuġ u għadam ieħor.	86	81	78	86	81	78	86	81	78
	S5	Bijomassa solida oħra inkluż l-injam kollu mhux inkluż taħt S4 u likur iswed u kannella.	80	75	72	80	75	72	80	75	72

▼M1

Kategorija		Sors ta’ enerġija	Sena ta’ kostruzzjoni								
			Qabel l-2016			2016-2023			Wara l-2024		
			Ilma sħun	Fwar ([1])	Użu dirett ta’ gassijiet tal-egżost ([2])	Ilma sħun	Fwar ([1])	Użu dirett ta’ gassijiet tal-egżost ([2])	Ilma sħun	Fwar ([1])	Użu dirett ta’ gassijiet tal-egżost ([2])
	S6	Skart muniċipali u industrijali (mhux rinnovabbli, ta’ oriġini mhux bijoloġika bħal plastik, lastiku u materjali sintetiċi oħra) u skart rinnovabbli/bijodegradabbli	80	75	72	80	75	72	80	75	72
Likwidi	L7	Żejt fjuwil tqil, żejt tal-gass/tad-diżil, prodotti oħrajn taż-żejt	89	84	81	85	80	77	92	87	84
	L8	Bijolikwidi inkluż bijometanol, bijoetanol, bijobutanol, bijodiżil, bijofjuwils oħra u l-likwidi elettroniċi kollha	89	84	81	85	80	77	85	80	77
	L9	Likwidi ta’ skart inkluż skart bijodegradabbli u mhux rinnovabbli (inkluż xaħam tad-dam, xaħam u residwi tal-ħbub tal-birrerija).	80	75	72	75	70	67	75	70	67
Gassużi	G10	Gass naturali, LPG, LNG u bijometan	90	85	82	92	87	84	92	87	84
	G11 A	Idroġenu negozjat	89	84	81	90	85	82	92	87	84
	G11B	Gassijiet tar-raffinerija, gass sintetiku, idroġenu (prodott sekondarju), gassijiet elettroniċi	89	84	81	90	85	82	90	85	82
	G12	Bijogass prodott minn diġestjoni anerobika, landfill u trattament tad-dranaġġ	70	65	62	80	75	72	80	75	72

▼M1

Kategorija		Sors ta’ enerġija	Sena ta’ kostruzzjoni								
			Qabel l-2016			2016-2023			Wara l-2024		
			Ilma sħun	Fwar [1]	Użu dirett ta’ gassijiet tal-egżost [2]	Ilma sħun	Fwar [1]	Użu dirett ta’ gassijiet tal-egżost [2]	Ilma sħun	Fwar [1]	Użu dirett ta’ gassijiet tal-egżost [2]
	G13	Gass tal-forn tal-kokk, gass tal-forn tal-blast, gass tal-minjieri, u gassijiet irkuprati oħrajn (minbarra gass tar-raffinerija)	80	75	72	80	75	72	80	75	72
Oħrajn	O14 A	Sħana mormija, inkluż gassijiet tal-egżost mill-proċess, prodott li jirriżulta minn reazzjonijiet kimiċi eżotermiċi (temperatura tal-input > 200 °C)	—	—	—	92	87	—	92	87	—
	O14B	Sħana mormija, inkluż gassijiet tal-egżost mill-proċess, prodott li jirriżulta minn reazzjonijiet kimiċi eżotermiċi (temperatura tal-input < 200 °C)	—	—	—	92	87	—	92	87	—
	O15	Nukleari	—	—	—	92	87	—	92	87	—
	O16	Termali solari	—	—	—	92	87	—	92	87	—
	O17	Ġeotermali	—	—	—	92	87	—	92	87	—
	O18	Fjuwils oħra mhux imsemmija hawn fuq	—	—	—	92	87	—	92	87	—

[1] Meta l-impjanti ma jikkunsidrawx ir-ritorn tal-kondensat fil-kalkoli tagħhom tal-effiċjenzi tas-sħana tas-CHP, il-valuri ta’ referenza tal-effiċjenza stabbiliti fit-tabella ta’ hawn fuq jenħtieġ li jiżdiedu b’ħames punti perċentwali.

[2] Meta t-temperatura tilħaq 250 °C jew aktar jenħtieġ li jintużaw il-valuri għal sħana diretta.

▼B

ANNESS III

Fatturi ta' korrezzjoni marbuta mas-sitwazzjoni klimatika medja u metodu biex jiġu stabbiliti żoni ta' klima għall-applikazzjoni tal-valuri armonizzati ta' referenza tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata tal-elettriku

(imsemmija fl-Artikolu 2(1))

(a) Fatturi ta' korrezzjoni marbuta mas-sitwazzjoni klimatika medja

Il-korrezzjoni tat-temperatura ambjentali hija bbażata fuq id-differenza bejn it-temperatura medja annwali fi Stat Membru u l-kundizzjonijiet standard atmosferiċi tal-ISO (15 °C).

Il-korrezzjoni għandha tkun kif ġej:

telf ta' effiċjenza ta' 0,1 % ta' punt perċentwali għal kull grad 'il fuq minn 15 °C;

żieda ta' effiċjenza ta' 0,1 % ta' punt perċentwali għal kull grad taħt 15 °C.

Eżempju:

Meta t-temperatura medja annwali fi Stat Membru hi ta' 10 °C, il-valur ta' referenza ta' unità ta' koġenerazzjoni f'dak l-Istat Membru trid tiżdied b'0,5 % ta' punt perċentwali.

(b) Il-korrezzjoni tat-temperatura ambjentali tapplika biss għal fjuwils gassużi (G10, G11, G12, G13).

(c) Metodu biex jiġu stabbiliti ż-żoni klimatiċi:

Il-limiti ta' kull żona klimatika huma kostitwiti minn isotermi (fi gradi Celsius sħaħ) tat-temperatura ambjentali medja annwali b'differenza ta' mill-inqas 4 °C. Id-differenza fit-temperatura bejn it-temperaturi ambjentali medji annwali f'żoni klimatiċi biswit xulxin trid ta' mill-inqas tkun 4 °C.

Eżempju:

Jekk, pereżempju, għal Stat Membru partikolari it-temperatura ambjentali medja annwali hija 12 °C f'ċertu post u 6 °C f'post ieħor fl-istess Stat Membru, l-Istat Membru għandu l-għażla li jdaħħal żewġ żoni klimatiċi, separati b'isoterma ta' 9 °C:

Żona klimatika bejn l-isotermi ta' 9 °C u 13 °C (differenza ta' 4 °C) b'temperatura ambjentali annwali medja ta' 11 °C, u

Żona klimatika oħra bejn l-isotermi ta' 5 °C u 9 °C b'temperatura ambjentali annwali medja ta' 7 °C.

▼**M1**

ANNESS IV

Fatturi ta' korrezzjoni għal telf evitat mill-grilja għall-applikazzjoni tal-valuri armonizzati ta' referenza tal-effiċjenza għall-produzzjoni separata tal-elettriku

(imsemmija fl-Artikolu 2(2))

Livell ta' vultaġġ ta' konnessjoni	Fattur ta' korrezzjoni (mhux fuq il-post)	Fattur ta' korrezzjoni (fuq il-post)
≥ 345 kV	1	0,976
≥ 200 – < 345 kV	0,972	0,963
≥ 100 – < 200 kV	0,963	0,951
≥ 50 – < 100 kV	0,952	0,936
≥ 12 – < 50 kV	0,935	0,914
≥ 0,45 – < 12 kV	0,918	0,891
< 0,45 kV	0,888	0,851

Eżempju:

Unità ta' koġenerazzjoni ta' 100 kWel b'magna b'moviment rotattiv li titħaddem bil-gass naturali tiġġenera elettriku b'vultaġġ ta' 380 V. 85 % minn dan l-elettriku jintuża għall-konsum tal-unità stess u 15 % jmorru fil-grilja. L-impjant inbena fl-2020. It-temperatura ambjentali annwali hija ta' 15 °C (għal-hekk mhi meħtieġa l-ebda korrezzjoni klimatika).

Wara l-korrezzjoni għat-telf mill-grilja, abbażi tal-medja ponderata tal-fatturi f'dan l-Anness, il-valur ta' referenza tal-effiċjenza li jirriżulta għall-produzzjoni separata tal-elettriku f'din l-unità ta' koġenerazzjoni huwa:

$$\text{Ref } E\eta = 53\ \% \times (0{,}851 \times 85\ \% + 0{,}888 \times 15\ \%) = 45{,}4\ \%$$